

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

14.11.2007

0102/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Catherine Stihler, Jerzy Buzek, Paulo Casaca, Avril Doyle u Gérard Onesta

dwar il-ġlieda kontra l-marda kronika ostruttiva fil-pulmuni

Data ta' skadenza: 28.2.2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġlieda kontra l-marda kronika ostruttiva fil-pulmuni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regola 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi l-marda kronika ostruttiva fil-pulmuni (COPD) hija marda fil-pulmun komuni u tinvolvi ħafna spejjeż li l-istadju avanzat tagħha jfisser falliment respiratorju kroniku,
 - B. billi s-COPD hija marda li mhix rikonoxxuta, mhix kurata u mhix dijanostikata biżżejjed li hija traskurata mill-fornituri tal-kura tas-saħħha u mill-pubbliku,
 - C. billi s-COPD qed tiżdied madwar id-dinja b'riżultat ta' l-epidemija ta' l-użu tat-tabakk, demografiċi globali li jinbidlu, u tniġġis ta' arja barra u ġewwa l-bini,
 - D. billi fl-Unjoni Ewropea s-COPD tikkawża madwar 200.000-300.000 mewt fis-sena u huwa proġettat li l-marda titla' mis-sitt post sat-tielet post bħala l-aktar kawża komuni ta' mewt madwar id-dinja sa l-2020,
1. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-għarfien tal-kundizzjoni billi jippromwovu l-prevenzjoni u jiżguraw aċċess ugħalli għal dijanostika minn kmieni, trattamenti korretti u mobilità tal-pazjenti tas-COPD;
 2. Jistieden lill-UE biex tiffaċilita r-riċerka fuq perjodu ta' żmien fit-tul dwar il-kawżi, il-prevalenza u t-trattament tas-COPD;
 3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ta' l-UE biex jimplimentaw politiki komprensivi kontra t-tipjip u biex jiżviluppaw strateġiji ta' waqfien mit-tipjip;
 4. Jistieden lill-UE biex tippubblika Green Paper dwar l-arja ġewwa l-bini skond il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ambjent u s-Saħħha;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.